## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP 844/2023: **IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. STEFAN DEMICOLI (KI. 78997M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**7 ta' Novembru 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Stefan Demicoli ta' 26 sena, iben Crucifisso u Marita nee' Grima, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar il-15 ta' Frar 1997 u residenti ġewwa Ħal Qormi ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2023 mixli illi b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bi ksur tal-Art. 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

Nhar l-għaxra (10) ta' Ottubru 2023, għal ħabta ta' bejn is-sagħtejn ta' wara nofs in nhar (14:00) u l-ħamsa ta' wara nofs in nhar (17:00) ġewwa Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin:-

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bix-**xorta tal-ħaġa misruqa** u **valur**, liema valur tal-oġġetti misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Mario Buhagiar** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli 20, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

U aktar talli, nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2023 għall-ħabta ta' bejn it-tlieta ta' wara nofs in-nhar (15:00) u l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar (16:00) ġewwa Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' flus u/jew oġġett, liema serq huwa ikkwalifikat bix-**xorta tal-ħaġa misruqa** u **valur**, liema valur tal-ħaġa misruqa ma kienx iżjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan sar għad-detriment ta' **Sammy Fenech** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur *tal-Artikoli* 20, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli wettaq reat li sar matul il-perjodu ta' ordni ta' probation mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D fid-dsatax (19) ta' Jannar 2023 u dan bi ksur tal-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil **Stefan Demicoli** bħala reċidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Sammy Fenech u Mario Buhagiar** billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Għaldaqstant filwaqt li qegħdin neżebixxu l-fedina penali u d-dokument t'identifikazzjoni tal-imputat, nitolbu li dan il-każ jiġi trattat skont il-liġi.

rat illi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2023 sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[1] biex b'hekk il-Qorti saret kompetenti skond il-liġi sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi,

rat li wara li s-seduta ġiet posposta għal għoxrin minuta u l-Qorti tat żmien biżżejjed lill-imputat sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat li wara talba tal-avukat difensur, liema talba ma kienetx opposta mill-Prosekuzzjoni, sabiex jiġi redatt rapport ta' qabel is-sentenza, il-Qorti laqgħet it-talba u ai termini tal-

[1] Fol 18a

Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabbdet lid-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza, qabel ma tħaddan xi fehma dwar kemm ikun adatt li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija, sentenza sospiża jew xi miżura oħra permessa mill-liġi skond l-istess Kap. 446,

semgħet ix-xhieda tal-*probation officer* Joseph Mizzi u rat ir-rapport ta' qabel is-sentenza li ġie ppreżentat minnu fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023,

rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu

2. Fir-rapport tiegħu ta' qabel is-sentenza, l-uffiċjal tal-*probation* **<u>Joseph Mizzi</u>** stqarr fost affarijiet oħra illi *"fiż-żmien li suppost kien qed jittrasforma f'persuna matura, l-imputat baqa' inkonsistenti u ma weriex responsabiltà biex jiġġedded f'ċittadin onest u b'ħiliet tajba. Minħabba din ir-raġuni iqum id-dubbju jekk l-imputat huwiex persuna affidabbli jew le, għax jippreżenta riskju għas-soċjetà. Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura qed ikun umilment irrakkomandat li Stefan Demicoli jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva għax ir-riskji li jġib miegħu għadhom preżenti u jeħtieġ li jibda jirriabilita ruħu minn post ikkontrollat biex ikun żgurat li jwettaq proċess li minn barra qatt ma twettaq. Dan jista' jseħħ biss ġaladarba l-imputat juri impenn u motivazzjoni li jindirizza l-problemi tiegħu."*

3. Il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidipartixxi mir-rakkomandazzjoni tal-uffiċjal tal-*probation* u tħoss illi r-rakkomandazzjonijiet tiegħu huma idoneji fiċ-ċirkustanzi. Il-Qorti tqis li jeżistu ċ-ċirkustanzi kollha (tenut kont ix-xorta tar-reati, l-karattru tal-imputat u l-fedina penali tiegħu) sabiex timponi piena karċerarja effettiva fuq l-imputat apparti li sejra tordnalu ukoll jibda' l-proċess tiegħu ta' rijabilitazzjoni billi jikkumpensa lill-vittmi tiegħu.

4. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-ammont li ġie derubat minn Mario Buhagiar huwa dak ta' € 1,500 mentri l-ħsara li sofra Sammy Fenech ġiet kwantifikata fl-ammont ta' € 1,200.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 20, 49, 50, 261(c), 261(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art. 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, inkluż l-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah jiskonta piena karċerarja ta' sentejn. Għal kull bwon fini l-Qorti tiddikjara illi hija ma imponietx żieda fil-grad tal-piena minkejja s-sejbien tar-reċidiva u għażlet ukoll illi ma titrattax mal-ħati fir-rigward tar-reati li dwarhom kienet saret l-Ordni ta' Probation permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Jannar 2023.**

**Il-Qorti qegħda ukoll ai termini tal-Art. 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati jħallas lill-partijiet offiżi s-segwenti ammonti: <u>€ 1,500</u> lil Mario Buhagiar (KI. 401980M) u <u>€ 1,200</u> lil Sammy Fenech (KI. 465203L) entro sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti qegħda ukoll toħroġ <u>Ordni ta' Trażżin</u> ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur Mario Buhagiar u Sammy Fenech għal perjodu ta' tlett (3) snin <u>mill-iskadenza tal-piena</u>. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Fir-rigward tat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba stante illi ma' ġew maħtura l-ebda esperti.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

**Finalment il-Qorti tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħmlu dak li huwa possibbli sabiex l-imputat jingħata l-possibilità' illi jsegwi il-*Prison Inmate Programme* immexxi minn Caritas Malta ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur